# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 28 ta' Lulju 2025

**Rik. Gur.Nru.: 48 /2025 JPG**

**Kawza nru.: 26**

**MB**

**Vs**

**EG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MB datat 3 ta' Frar 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *ILLI l-partijiet iżżewġu nhar it-22 ta' Ġunju 2002 (ara* **Dok.MB1***), tweldulhom żewġ ulied illum it-tnejn maġġorenni, isseparaw de facto fis-sena 2020 u r-raġel ħareġ mid-dar matrimonjali f'Diċembru 2023, u sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr James Grech tat-12 ta' Lulju 2024 (***Dok.MB2***);*

2. *ILLI minn dakinhar qatt ma seħħet l-ebda rikonċiljazzjoni, u ma hemm l-ebda possibilità li sseħħ;*

3. *ILLI l-partijiet ilhom fattwalment separati iktar minn sena, irrinunzjaw reċiprokament għal kull dritt għal manteniment, ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment pendenti rigward l-ulied, u għalhekk jissussistu r-rekwiżiti kollha fil-liġi sabiex tingħata sentenza ta' divorzju;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-ħall ta' l-imsemmi żwieġ bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, u li jiġi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku skond il-liġi, bl-ispejjeż ikunu a karigu taż-żewġ partijiet ugwalment.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-intimat deher ghas-seduta fis-17 ta' Gunju 2025 u xehed bil-gurament viva voce;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici** xehdet **(**vide affidavit **a fol 2 )** illi il-kontendenti izzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, illum maggorenni. Xehdet illi il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-tnax (12) ta' Lulju fis-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) fl-atti tan-Nutar Dr. James Grech. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat** xehed (viva voce nhar is-17 ta' Gunju 2025 **a fol 18 et seqq.**) u kkonferma u korrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) liema zwieg jgib certifikat numru 965/2002 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech nhar it-12 ta' Lulju 2024 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu jirrizulta li ma hemm ebda arrettrati ta' manteniment dovut.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 965/2002 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**